# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Brignone**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Joseph Brignone** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 471888M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar is-7 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tad-19:00 Fuq Verdala, f'Bormla insulenta, inġurja jew hedded bil-kliem lil Ritianne Felice.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li sad-data tas-seduta li kienet appuntata nhar l-1 ta' Frar 2016 l-imputat kien għadu ma ġiex notifikat bil-akkużi miġjuba kontrih

Rat li l-Prosekuzzjoni ma speċifikatx jekk l-imputazzjoni hix waħda delittwali jew kontravvenzjonali. Fiċ-ċirkostranzi il-Qorti qegħda tagħti l-benefiċċju lill-imputat u qegħda tikkunsidraha bħala dik ta' natura kontravvenzjonali in kwantu anqas oneruża u gravuża. Konsegwentement din l-imputazzjoni hija suġġetta għal preskrizzjoni trimestrali.

## ***<u>Decide</u>***

Li wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara lil-proċediment estint minħabba d-dekors tal-preskrizzjoni trimestrali u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 1 ta' Frar 2016***

***Aaron M. Bugeja***